

22000D0921(05)

21.9.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 237/65

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 52/2000****tat-28 ta' Ġunju 2000****li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2000 tal-31 ta' Marzu 2000 ⁽¹⁾.
- (2) d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/75/KE tat-22 ta' Lulju 1999 li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE li tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità dwar kuluri għall-użu f'affarijiet ta' l-ikel ⁽²⁾, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 46b (Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“, kif emendat bi:

- **399 L 0075:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/75/KE tat-22 ta' Lulju 1999 (ĠU L 206, tal-5.8.1999, p. 19).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/75/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

⁽¹⁾ ĠU L 141 tat-15.6.2000, p. 46.

⁽²⁾ ĠU L 206 tat-5.8.1999, p. 19.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.